**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Settembru 2010 — Schemaventotto vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-58/09)** [1]

***("Rikors għal annullament — Konċentrazzjonijiet — Abbandun ta' pjan ta' konċentrazzjoni — Deċiżjoni li tingħalaq il-proċedura miftuħa abbażi tal-Artikolu 21(4) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 — Atti li ma jistgħux jiġu kkontestati — Inammissibbiltà")***

(2010/C 288/78)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Schemaventotto SpA (Milano, l-Italja) (rappreżentanti: M. Siragusa, G. Scassellati Sforzolini, G. Rizza u M. Piergiovanni, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Di Bucci u É. Gippini Fournier, aġenti)

*Parti intervenjenti in sostenn tar-rikorrenti:* Abertis Infraestructuras, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentanti: M. Roca Junyent u P. Callol García, avukati)

**Suġġett**

Talba għal annullament tad-deċiżjoni jew deċiżjonijiet allegatament kontenuti fl-ittra tal-Kummissjoni tat-13 ta' Awwissu 2008 dwar il-proċedura miftuħa abbażi tal-Artikolu 21(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, tal-20 ta' Jannar 2004, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40), sa fejn din tikkonċerna konċentrazzjoni bejn l-intervenjenti u Autostrade SpA (Każ COMP/M.4388 — Abertis/Autostrade)

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

(2) *Schemaventotto SpA għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

(3) *Abertis Infraestructuras, SA għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

---

[1] ĠU C 82, 4.4.2009.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Settembru 2010 — Noko Ngele vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-15/10 R II)**

***("Proċeduri għal miżuri provviżorji — Talba għal miżuri provviżorji — Talba ġdida — Inammissibbiltà")***

(2010/C 288/79)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Mariyus Noko Ngele (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: F. Sabakunzi, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: A. Bordes, aġent)

**Suġġett**

Talba intiża, essenzjalment, biex jiġu ddikjarati illegali l-minuti tas-seduta (2009) 1874 finali tal-Kummissjoni, tas-27 ta' Mejju 2009, inkwantu fihom jidher li din tal-aħħar ħadet id-deċiżjoni li tagħti għajnuna legali lil wieħed mill-ex membri tagħha u lil bosta mill-membri tal-persunal tagħha.

**Dispożittiv**

(1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*

(2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

---

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Lulju 2010 — Hartmann-Lamboy vs UASI — Diptyque (DYNIQUE)**

**(Kawża T-305/10)**

(2010/C 288/80)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Marlies Hartmann-Lamboy (Westerburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: R. Loos, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)